MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 775/2009

**Dr Stefano Filletti LL.D bhala stralcatarju tas-socjeta' Interpharma Co Limited (C-7674)**
**vs**
**John Cauchi Gera**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' debitu ta' seba' mija u sebgha u erbghin ewro u sebgha u hamsin ewro centezmu (€747.57) rapprezentanti prezz ta' prodotti farmatewtici u prodotti ohra mibjugha u kkonsenjati lill-intimat fuq talba tieghu stess skont kopja ta' fattura annessa u mmarkata bhala Dok. 1.

Illi l-attur gie nominat bhala stralcatarju tas-socjeta' Interpharma Co. Limited (C7674) permezz ta' digriet datat 6 ta' Frar, 2009, fir-rikors numru 1248/07 JRM.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi ghal hlas l-intimat baqa' inadempjenti.

Bl-imghaxijijet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inkluz l-ispejjez ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghall-ittra legali datata 9 ta' Settenmbru, 2008 (annessa u mmarkata bhala dok.2) mid-data ta' l-avviz, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat konteswalment ma' dan l-att. Il-Konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat minn Susann Agius fit-2 ta' Novembru, 2009 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------